MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 51/2011

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Anthony Agius u Ludwig Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi matul is-sena 2008, il-konvenut Anthony Agius kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA-283 mas-socjeta' attrici.

Illi nhar il-25 ta' Jannar, 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa Fgura bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut Ludwig Bugeja u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FLT-211 misjuqa minn certu Pierre Felter.

Illi l-konvenuti baqghu ma ressqux *claim* mas-socjeta' attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif kienu obbligati illi jaghmlu kemm ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici informat lill-konvenuti sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju, 2009 illi galadarba kien jirrizulta kjarament illi l-konvenut Ludwig Bugeja kien jahti unikament ghall-incident *de quo*, hija kienet ser thallas id-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma' l-istess incident ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement kienet sejra tipprocedi fil-konfront taghhom ghall-irkupru ta' l-ammonti kollha minnha sborsati ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva skond il-Ligi, u dana oltre ghall-ispejjez u interessi skond il-Ligi.

Illi sakemm iz-zewg konvenuti gew notifikati bl-imsemmija ittra ufficjali, il-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited et vs Ludwig Bugeja** [M1936/2009] lahqu gew differiti ghal-*lodo*. B'hekk is-socjeta' attrici ma kienitx f'posizzjoni illi teffettwa l-pagament ai termini ta' l-Artikolu 15 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gew decizi l-proceduri istitwiti mit-terzi, fejn il-konvenut Ludwig Bugeja gie dikjarat responsabbli ghall-incident *de quo*.

Illi madanakollu, anke wara dawn l-atti gudizzjarji, il-konvenuti baqghu qatt ma ressqu *claim* relattiv mas-socjeta' attrici.

Illi galadarba hija kienet giet debitament notifikata bl-ittra ufficjali opportuna ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' attrici kienet obbligata illi thallas favur it-terzi s-somma ta' elfejn u disa' mitt Ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,900.86c) kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi galadarba l-konvenuti agixxew bi ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta' attrici hija awtomatikament intitolata illi

tirkupra minghand l-istess konvenuti b'mod *in solidum* bejniethom l-ammont ta' tlett elef tliet mija u hamsa u tmenin Ewro u centezmu (€3,385.01c) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elfejn disa' mitt Ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,900.86c) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€484.15c) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghal-istess incident awtomobilistiku.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, illi jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Agius li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut Anthony Agius stante li huma nfondati fil-fatt u fi[d-]dritt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fl-incident in kwistjoni is-sewwieq kien certu Ludvic Bugeja u mhux hu. Illi fil-fatt kien hemm kawza fic-Centru tal-Arbitragg kontra s-sewwieq Ludvic Bugeja u din giet deciza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ai termini tal-Ligi.

Bl-ispejjez.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Ludwig Bugeja gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut Ludwig Bugeja naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Semgha x-xhieda, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tat-2 ta' Novembru, 2011, fejn is-socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha minn tlett elef tliet mija u hamsa u tmenin Ewro u centezmu u(€3,385.01c), ghall-ammont ta'

tliet elef tliet mija u erbgha u tletin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€3,334.65c).

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi nharget polza ta' assigurazzjoni, intestata lill-konvenut Anthony Agius, fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA-283, liema polza kienet fis-sehh fil-perjodu bejn il-11 ta' Dicembru 2007 sal-31 ta' Lulju, 2008. Illi fil-25 ta' Jannar, 2008, waqt illi din l-istess vettura kienet qedha tigi misjuqa mill-konvenut l-iehor Ludwig Borg, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FLT-211.

Illi in forza ta' decizjoni li nghatat fi proceduri li gew intavolati fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg, liema decizjoni nghatat fil-25 ta' Jannar, 2010, il-konvenut Ludwig Bugeja gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Illi b'segwitu ta' din id-decizjoni, is-socjeta' attrici wettqet hlas lil terzi ghad-danni sofferti minnhom.

Illi in segwitu ta' dan l-incident awtomobilistiku, u minkejja interpellazzjoni li saret mis-socjeta' attrici, il-konvenuti, jew min minnhom, naqsu milli jirregistraw *claim* mas-socjeta' attrici, u dan kif kienu tenuti li jghamlu ai termini tal-kundizzjonijiet rizultanti mill-polza ta' assigurazzjoni rilaxxjata mis-socjeta' attrici. Illi s-socjeta' attrici, ghalhekk, qed issostni illi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet kontenuti fil-polza ta' assigurazzjoni, u li allura l-konvenuti ghandhom jirrifondu u jirrimborsawha tal-hlasijiet imwettqa minnha.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut Anthony Agius hija fis-sens illi huwa l-konvenut l-iehor, Ludwig Bugeja, illi ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-hlas tas-somma reklamata mis-socjeta' attrici in forza ta' din l-azzjoni, stante illi kien il-konvenut l-iehor li gie dikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi

b’konsegwenza tieghu s-socjeta’ attrici wettqet hlas lil terzi. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma din il-linja difenzjonali, stante illi l-polza ta’ assigurazzjoni relattiva ghall-vettura involuta fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni, li kienet fis-sehh fiz-zmien meta gara dan l-incident, kienet intestata f’isem il-konvenut Anthony Agius, u dan kif jirrizulta mic-certifikat relattiv (a fol. 21 tal-atti). Illi ghalhekk, bir-rilaxx ta’ dan ic-certifikat a favur il-konvenut Anthony Agius, inholoq ness guridiku bejn l-istess konvenut u s-socjeta’ attrici, u l-istess konvenut kien tenut li jaccerta illi l-vettura li kienet koperta bil-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, tigi misjuqa b’responsabilita’ u b’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi l-fatt illi ma kienx il-konvenut Agius li kien qed isuq il-vettura fil-hin li sehh l-incident, ma jiskolpahx mir-responsabilita’ ghad-danni sofferti minn terzi konsegwenza tal-imsemmi incident, galadarba ma gie ppruvat bl-ebda mod illi kien hemm ragunijiet validi fil-Ligi sabiex jinheles minn tali responsabilita’. Illi oltre dan, lanqas ma ngabet ebda prova mill-istess konvenut sabiex ixejjen dak li qed jigi allegat mis-socjeta’ attrici, u cioe’ illi l-istess konvenuti, jew min minnhom, ma rregistrawx *claim* mas-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u dan minkejja l-fatt illi kien jaf bl-incident dakinhar stess li sehh l-incident. Illi jsegwi ghalhekk illi l-konvenut Agius naqas mili josserva u jottempera ruhu mat-termini u kundizzjonijiet kontenuti fil-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, u aktar precizament dawk rizultanti mis-sezzjoni intestata *Lodging of a Claim* li tinsab fis-sezzjoni *General Conditions* tal-*Private Vehicle Insurance Policy* (a fol. 37 u 38 tal-atti).

Illi ghalhekk, u peress illi t-Tribunal jinsab sodisfatt illi kien hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni li s-socjeta’ attrici harget a favur il-konvenut Anthony Agius, u galadarba l-konvenut l-iehor Ludwig Borg gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li per konsegwenza tieghu s-socjeta’ attrici ghaddiet sabiex wettqet hlas lil terzi (b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta), it-Tribunal ser jghaddi sabiex jikkundanna liz-zewg

konvenuti *in solidum* bejniethom jhallsu u jirrifondu lill-istess socjeta’ attrici s-somma hekk zborsata minnha a favur terzi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Anthony Agius, u jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* ihallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef tliet mija erbgha u tletin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€3,334.65c), bl-imghax kif mitluba.
L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------